

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 786/2013

tas-16 ta' Awwissu 2013

**li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-limiti permessi għall-jessotossini f'molluski bivalvi ħajjin**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li jorġina mill-annimali (<sup>(1)</sup>), u partikolarmen l-Artikolu 10(1)(d) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 jistabbilixxi regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li jorġina mill-annimali ġhal operaturi tan-negożi tal-ikel. Dak ir-Regolament jipprovd li l-operaturi tan-negożju tal-ikel għandhom jiżguraw illi l-molluski bivalvi ħajjin li tqiegħdu fis-suq għall-konsum mill-bniedem ma jkunx fihom ċerti bijotos-sini marini fi kwantitajiet totali, imkejla fil-ġisem sħiħ jew kwalunkwe parti li tittiekel separatament, li jaqbżu l-limiti stipulati fil-punt 2 tal-Kapitolu V tat-Taqsima VII tal-Anness III tiegħu. Il-punt 2(d) ta' dak il-Kapitolu jistabbilixxi limitu massimu għall-jessotossini f'milligramma ta' jessotossini ekwivalenti għal kull kilogramm.

(2) FDiċembru 2008, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurta fl-ikel (EFSA) adottat Opinjoni tal-Bord Xjentifiku dwar l-Āġenti ta' Kontaminazzjoni fil-Katina Alimentari fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-bijotossini tal-baħar fil-frott tal-baħar— il-grupp tal-jessotossini (<sup>(2)</sup>). Skont dik l-Opinjoni, l-ebda mewt u l-ebda sintomu ta' tħosseċċità klinika ma ġew osservati f'sera ta' studji dwar it-tħosseċċità akuta wara li ttieklu l-jessotossini. Barra minn hekk, l-EFSA kkonkludiet li porzjon tal-frott tal-baħar m'għandux ikollu iżjed minn 3,75 milligrammi ta' jessotossini ekwivalenti għal kull kilogramm. Dak il-livell

huwa oħla mil-limitu attwali stabbilit fil-punt 2(d) tal-Kapitolu V tat-Taqsima VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

- (3) Fit-32 Sessjoni tal-Kumitat CODEX dwar il-Ħut u l-Prodotti tas-Sajd (mill-1 sal-5 ta' Ottubru 2012) ikkonfermaw l-esklużjoni tal-jessotossini mil-lista ta' bijotossini tal-baħar li għandhom jiġu ttestjati flivell internazzjonali.
- (4) Fid-dawl tal-Opinjoni tal-EFSA u tal-konklużjonijiet tat-32 Sessjoni tal-Kumitat CODEX dwar il-Ħut u l-Prodotti tas-Sajd, huwa xieraq li jiżdied il-limitu attwali tal-jessotossini għal 3,75 milligramm ta' jessotossini ekwivalenti għal kull kilogramm.
- (5) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 għandu għalhekk jiġi emdat skont dan.
- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma opponewhom,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, il-punt 2(d) tal-Kapitolu V tat-Taqsima VII huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) għall-jessotossini, 3,75 milligramma jessotossini ekwivalenti għal kull kilogramm;”

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Awwissu 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

<sup>(2)</sup> The EFSA Journal (2009) numru tal-Ġurnal 907, 1-62.